# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**Seduta tal-5 ta’ Lulju, 2023**

**Kawża nru. 12**

**Rik. Nru 357/2023 RGM**

**Rikors ta’ Mr Green Limited**

**fl-Atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv numru 357/2023**

**Fl-ismijiet:**

**Yunus Saglam debitament rappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu**

**l-Avv. Dr. Sarah Sultana**

**vs**

**Mr Green Ltd.**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu, 2023 mis-soċjeta' **Mr Green Limited (aktar 'il quddiem imsejħa Mr Green jew is-Sekwestrata)** ai termini tal-Artikolu 44 (1) (a) u (c) tar-Regolament Ewropew numru 1215/2012 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed titlob illi l-mandat ta' **sekwestru eżekuttiv numru 357/2023** fl-ismijiet premessi maħruġ fuq talba ta' Yunus Saglam kif rappreżentat minn Dr Sarah Sultana (aktar 'il quddiem imsejħa "Saglam") (1) tordna provviżorjament illi jiġu limitati l-effetti tal-mandat de quo bil-konsegwenza li ma jsir ebda żbank ta' ċedoli jew flejjes mis-sekwestranti sakemm jiġi deċiż dan ir-rikors; u (2) tordna illi l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv imsemmi jiġi limitat għall-miżuri kawtelatorji ai termini tal-Artikolu 44 (1) (a) tar-Regolament Brussels I Recast (UE) Nru 1215/2012 u/jew alternattivament tissospendi l-ezekuzzjoni tal-istess mandat ta' sekwestru in parte, inkluż iżda mhux limitat, billi twaqqaf kwalunkwe żbank jew tiġbid min-naħa ta' Saglam ta' kwalunkwe flejjes depożitati mis-sekwestratarji ai termini tal-Artikolu 44 (1) (c) tar-Regolament Brussels I Recast (UE) Nru 1215/2012, u dan sakemm jiġi deċiż b'mod definittiv ir-rikors li qed jiġi preżentat kontestwalment bejn l-istess partijiet.

2. B'risposta tal-24 ta' April 2023 Yunus Saglam, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponi għal dan ir-rikors.

3. Rat li b'digriet tat-2 ta' Mejju, 2023 il-Qorti appuntat ir-rikors għas-smiegħ għas-seduta tat-18 ta' Mejju, 2023 meta tħalla għallum għal digriet finali.

**Sfond.**

4. Mr Green Limited, soċjeta' reġistrata hawn Malta, hija operatur fil-qasam tal-online gaming u liċenzjata mill-Malta Gaming Authority sa mis-sena 2008 filwaqt li Yunus Saglam kien *player online* fuq is-sit tal-online gaming ta' Mr Green.

5. Illi fid-9 ta' Frar, 2023 Yunus Saglam innotifika lil Mr Green bl-Annex I Certificate maħruġ ai termini tar-Regolament Brussels I Recast u talab lil Mr Green iħallas is-somma ta' €13,040.02 bl-imgħax legali kalkolat bir-rata ta' 4% fis-sena mill-4 ta' Jannar, 2021 u l-ispejjeż legali in ottemperanza mas-sentenza fl-ismijiet Yunus Saglam v. Mr Green Limited mogħtija mill-Qorti "District Court Leopoldstadt" ġewwa l-Awstrija fit-23 ta' Settembru, 2021 (kawża nru. 41 C 522/21i-13) liema sentenza ġiet konfermata mill-Qorti "Regional Court for Civil Matters Vienna" ġewwa l-Awstrija fis-16 ta' Marzu, 2022 (Kawża nru 35 R 22/22b).

6. Jirriżulta illi permezz tas-sentenzi imsemmija l-qorti Awstrijaka iddeċidiet illi minħabba l-fatt li ġewwa l-Awstrija hemm monopolju tal-gaming mogħti lill-konċessjonarji Casinos Austria AG u Osterreichsiche Lotterien GmbH, u allura Mr Green Limited ma għandiex u ma tistax tottjeni liċenzja mill-awtoritajiet Awstrijaċi; kull somma ta' flus mitlufa minn players Awstrijaċi bħalma hu Yunus Saglam, meta jilgħabu online fuq siti bħal dawk ta' Mr Green , għandhom id-dritt li jitolbu lura kull somma ta' flus mitlufa. Is-sentenzi imsemmija ikkonkludew illi tali liġi Awtrijaka ma tiksirx il-Liġi Ewropea u

għalhekk ordnaw lil Mr Green tirrifondi lil Yunus Saglam il-flus kollha li huwa lagħab u tilef fuq is-sit elettroniku ta' online gaming tas-Sekwestrata.

7. Fit-2 ta' Marzu, 2023 Yunus Saglam talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra Mr Green Limited għas-somma ta' €13,040.02 sort; €1,125.28 imgħax u €5,413.92 spejjeż u bħala titolu eżekuttiv iċċita s-sentenzi tal-qrati Awstrijaċi fuq imsemmija. It-talba ġiet milqugħa b'digriet tas-7 ta' Marzu 2023.

8. Fl-24 ta' Marzu, 2023 Mr Green intavolat quddiem il-qrati Maltin kawża kontra Yunus Saglam (Rikors nru. 326/2023 AD) qed jiġi kkontestat it-titolu eżekuttiv imsemmi għaliex Mr Green tikkontendi li rikonoxximent ta' dawk is-sentenzi mill-qrati Maltin ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Malti u dan ai termini tal-arikoli 45 u 46 tar-Regolament Bruissels 1 Recast.

9. Fl-istess data s-Sekwestrata Mr Green intavolat ir-rikors mertu ta' dan id-digriet fejn qed titlob li l-mandat jiġi limitat għal miżura kawtelatorja jew inkella tissospendi l-eżekuzzjoni tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

10. **Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 1215/12** jipprovdi illi :

*1. Fil-każ ta' talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni ta' sentenza skont is-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3, il-Qorti fl-Istat Membru indirizzat tista', fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni:*

*(a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtolatorji;*

*(b) tissoġġetta l-eżekuzzjoni għall-għoti ta' garanzija li hi tistabbilixxi; jew*

*(c) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom.*

*2. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru indirizzat għandha, fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni, tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni fil-każ fejn l-eżegwibbiltà tas-sentenza tkun sospiża fl-Istat Membru tal-oriġini*

11. Kif rajna ġia hemm pendenti quddiem il-qrati Maltin kawża fejn il-qorti qed tintalab tirrifjuta l-eżekuzzjoni fil-Gzejjer Maltin tas-sentenzi imsemmija tal-qrati Awstrijaċi u għalhekk l-ewwel rekwiżit huwa sodisfatt.

12. Jeħtieġ issa jiġi deliberat jekk hemmx raġunijiet validi sabiex il-Qorti, pendenti l-kawża imsemmija, jew tikkonverti l-mandat eżekuttiv għal wieħed kawtelatorju jew inkella tissospendi l-proċedimenti tal-esekuzzjoni tas-sentenzi awtrijaċi.

13. Minn qari tal-artikolu 44 fuq ċitat jirriżulta illi huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tissospendiex il-proċeduri ta' esekuzzjoni jew inkella tikkonvertiex l-att eżekuttiv għal wieħed kawtelatorju. Sa issa ma jirriżultax li l-qrati Awstrijaċi issospendew l-eżegwibilita' tas-sentenzi.

14. Ir-Regolament Ewropew ma jispeċifikax liema huma dawk iċ-ċirkostanzi fejn il-Qorti fl-Istat Membru indirizzat jista' jikkonsidra s-sospensjoni jew il-konverżjoni jew il-garanzija. Artikolu 44 huwa xott f'dan ir-rigward. Huwa mħolli f'idejn il-qorti adita li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha f'rispett tad-drittijiet taż-żewħ naħat.

**Provvedimenti Sospensivi-Limitativi**.

**Konverzjoni tal-Proċess Eżekuttiv għal Att Kawtelatorju**.

15. Permezz tat-tieni talba tagħha is-soċjeta' Sekwestrata qed tinvoka Artikolu 44 (1) (a) u (b) illi jagħti s-setgħa lill-Qorti illi, waqt li għaddej il-proċess ġudizzjarju fejn għandu jiġi deċiż jekk is-sentenzi tal-qorti Awstrijaka humiex ser jitqiesu eżegwibbli f'pajjiżna, s-sekwestru eżekuttiv mertu ta' dawn il-proċeduri jew ma jitqiesx aktar bħala att eżekuttiv u jitqies daqslikieku kien mandat kawtelatorju pendenti l-eżitu tal-proċeduri imsemmija u/jew tissospendi l-eżekuzzjoni tal-istess mandat eżekuttiv.

16. Intqal illi:

> *" ... il giudice che conosce dell'azione di diniego o dell'opposizione al precetto può emettere un'ordinanza con la quale «limita l'esecuzione forzata alla fase 'conservativa'» ossia, ad esempio, in caso di espropriazione forzata, al pignoramento senza possibilità di procedere alle operazioni di alienazione dei beni pignorati, permettendo invece ogni altra attività preliminare e preparatoria della vendita; o alla custodia in*

*caso di esecuzione per consegna o rilascio. Poiché ciò che è in esecuzione è la stessa decisione straniera, di cui si limita parzialmente l'efficacia, si concretizzerebbe insomma in un ordine destinato all'ufficiale giudiziario, senza spazio per la pronuncia di paralleli e diversi provvedimenti cautelari."* (**Le "Opposizioni" All' Esecuzione Della Decisione Straniera Nel Regolamento (UE) 1215/2012** - *Universita' Degli Studi Di Milano - Dipartimento Di Diritto Pubblico Italiano E Sovranazionale – Anno Accademico 2017/2018 - Ciclo XXXI - paġna 159)*

17. Yunus Saglam ottjena l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 357/23 wara li mar-rikors għall-ħruġ tal-mandat eżekuttiv annetta iċ-Ċertifikat Annex 1 maħruġ mill-Qorti Awstrijaka fl-24 ta' Ġunju, 2022 ai termini tal-Artikolu 53 tar-Regolament (EU) nru 1215/2021 kif ukoll kopja tas-sentenzi esteri.

**Talba sabiex il-Mandat Eżekuttiv jitqies Mandat Kawtelatorju**.

18. Bit-talba taħt **Artikolu 44 (1) (a) tar-Regolament 1215/2012** Mr Green qed titlob illi pendenti l-eżitu tal-kawża ta' opposizioni għat-titolu eżekuttiv vantat mis-Sekwestrant, il-Qorti ma tħalliex illi s-Sekwestru Eżekuttiv jiġi meqjus bħala Mandat Eżekuttiv iżda minflok jiġi meqjus bħala miżura kawtelatorja ossia Mandat Kawtelatorju.

19. Dwar **Artikolu 44** intqal illi "*... the court to which an application for suspension or limitation is made has a margin of appreciation to decide if there is sufficient reason to limit or suspend the enforcement proceedings, and to*

*determine the scope and conditions of the appropriate suspension or limitation measure. A prima facie assessment of the chance that the party against whom enforcement is sought will be successful in the challenge procedure, and the possible consequences for both parties of the making or refusal of a suspension or limitation order, will be relevant factors. The court may not, however, review the substance of the underlying judgment."* (**The Brussels I Regulation Recast – Andrew Dickinson; Eva Lein** *– paġna 431).*

20. Il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-konverżjoni f'miżura kawtelatorja jew għas-sospensjoni jekk ir-raġunijiet għall-kontestazzjoni tal-għarfien tas-sentenza huma fiergħa, mhumiex marbuta mar-raġunijiet ta' rifjut imsemmija fl-artikolu 45 tar-Regolament jew jidhru mad-daqqa t'għajn li dawn saru biss biex itawlu fil-vojt l-esekuzzjoni tas-sentenza. Il-kejl li jrid jiġi użat huwa dak tal-*probabilis causa litigandi* u mhux tal-*iusta causa litigandi* (ara Digriet tal-11 ta' Ottubru 2021 – rikors nru 825/2021CFS fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numrul 1102/2021 fl-ismijiet "**Lotto Hessen GMBH vs Deutsche Lotto Und Sportwetten Ltd**").

21. Intqal ukoll dwar **Artikolu 44 tar-Regolament** illi:

> *In tutte e tre le ipotesi, in difetto di indicazioni da parte del legislatore europeo, che non esige alcuna condizione specifica, il potere sarà verosimilmente esercitato in base, da un lato, ad un'indagine sulla fondatezza, prima facie, dell'azione di diniego, dall'altro, avuto riguardo alle conseguenze pregiudizievoli, per entrambe le parti, derivanti dalla*

*prosecuzione o dal temporaneo arresto del procedimento . La norma non sembra infatti esigere la verifica della sussistenza di un vero e proprio periculum in mora, ma solo il fumus di fondatezza della domanda di diniego, condizione che (almeno questa) deve ritenersi insita nella parola 'può'*[1]

22. Jeħtieġ għalhekk li l-Qorti teżamina jekk hemmx raġunijiet tajba sabiex tneħħi temporanjament l-element eżekuttiv mill-mandat ta' sekwestru de quo u minflok tatih l-effett ta' mandat kawtelatorju.

23. Mar-rikors mertu ta' dan id-digriet finali Mr Green ippreżentat kopja tal-kawża rikors nru 326/2023AD, l-azzjoni ta' opposizzjoni għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi Awstrijaċi.

24. Fil-kawża imsemmija Mr Green tikkontendi illi s-sentenzi Awstrijaċi huma manifestament kontra l-ordni pubbliku ta' Malta u m'għandhomx jitħallew jiġu hawn eżegwiti għaliex jiksru il-moviment liberu (*free movement*) tas-servizzi b'mod partikolari il-moviment liberu tas-servizzi fil-logħob online skond l-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU) u l-qafas tal-Liġi tal-Logħob Malti, deskritt mis-Sekwestrata bħala punt fundamentali ta' prinċipju fl-ordni legali u l-ġurisdizzjoni Maltija. Issemmi illi Artikolu 56 tat-Trattat jipprovdi illi ir-restrizzjonijiet fuq il-liberta' li jiġu provduti servizzi fl-Unjoni Ewropea għandhom jiġu projbiti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat Membru li ma

[1] Le "Opposizioni"... op.cit. paġna 161

jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi. Tikkontendi s-Sekwestrata illi kull restrizzjoni għall-moviment liberu tas-servizzi hija ipprojbita u tista' tkun permessa biss bħala eċċezzjoni, soġġetti għall-kundizzjonijiet stretti obbligatorji li jippermettu eċċezzjonijiet li huma sodisfatti. Tqis is-Sekwestrata illi meta Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jimplimenta leġislazzjoni li tirrestrinġi l-prinċipju tal-moviment liberu inkluż il-liberta' li jiġu pprovduti servizzi tal-logħob, allura din għandha titqies bħala deroga mill-prinċipji ġenerali u għandha tissodisfa ċerti kundizzjonijiet sabiex tkun ġustifikata. Tisħaqq illi r-Repubblika ta' Malta, permezz tal-qafas legali tagħha, tistabbilixxi bħala kwistjoni ta' politika pubblika, industrija liberalizzata, li għalkemm regolata sabiex tipproteġi fost l-oħrajn lill-persuni vulnerabbli, fl-istess ħin hija mingħajr restrizzjonijiet fuq il-fruntieri. Tqis għalhekk illi l-ordni pubbliku ta' Malta hija waħda li tinkludi u tippromwovi l-ordni pubbliku u n-normi fundamentali bażiċi ta' l-Unjoni Ewropea inkluż fejn jirrigwarda l-liberta' li jiġu pprovduti servizzi fis-settur tal-logħob online. Tippremetti illi l-leġislazzjoni ta' Malta dwar il-logħob tirrikonoxxi u tippromwovi l-libertajiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Tinsisti illi l-istrateġija pubblika Maltija hija mfassla biex tippermetti lid-detenturi tal-liċenzja bħal ma hi s-Sekwestrata, li jipprovdu servizz tal-logħob f'Malta u madwar l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

25. Għalhekk fil-kawża imsemmija s-Sekwestrata qed titlob lill-Qorti (1) Tordna li r-rikonoxximent tas-sentenzi Awstrijaċi imsemmija huma manifestament kuntrarji għall-istrateġija pubblika (ordre public) fl-Istat Membru indirizzat (jiġifieri Malta) skond l-**Artikolu 45 (1) (a) tar-Regolament UE Nru**

**1215/2012**; (2) konsegwentement tordna li r-rikonoxximent tal-istess sentenzi jiġi rifjutat ġewwa Malta ai termini tal-istess Artikolu 45; u (3) konsegwentement tordna li l-eżekuzzjoni tal-istess sentenzi ġewwa Malta jiġi rifjutat ai termini tal-Artikolu 46 tal-istess Regolament Ewropew.

26. Li huwa rilevanti għall-finijiet tal-proċeduri odjerni hu jekk il-premessi li fuqhom hija msejsa l-kawża fil-mertu humiex premessi manifestament indikativi li hija kawża purament intiża sabiex ittawwal iż-żmien sabiex jiġu eżegwiti s-sentenzi tal-qrati Awtrijaċi, jew inkella jekk hiex imsejsa fuq konsiderazzjonijiet li jimmeritaw approfondiment u trattazzjoni xierqa fil-kawża fil-mertu.

27. Huwa evidenti għall-qorti illi ma jirriżultax illi l-premessi fil-kawża de quo għandhom mill-fieragħ jew li m'għandhom x'jaqsmu xejn mar-raġunijiet li r-Regolament jipprovdi sabiex sentenza fi stat membru ma tiġiex rikonoxxiuta u enforzata fi stat membru ieħor. Fil-fehma tal-Qorti jirriżultaw l-estremi li jikwalfikaw il-pretensjonijiet ta' Mr Green Limited bħala *probabilis causa litigandi* jew *fumus di fondatezza* li jimmeritaw li jiġu mistħarrġa u deċiżi fil-kawża imsemmija.

28. Dwar il-preġudizzju ta' naħa jew ta' naħa oħra skond jekk din il-Qorti tilqax it-talba għall-konverżjoni tal-mandat eżekuttiv f'att kawtelatorju; il-Qorti tqis illi una volta qed issib illi Mr Green għandha *probabilis causa litigandi* u *fumus di fondatezza* allura tkun f'lokha l-miżura illi jitneħħew temporanjament

l-effetti eżekutivi tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi u minflok jitqies li huwa mandat kawtelatorju pendenti l-eżitu tal-kawża imsemmija.

29. Tenut kont illi l-Qorti qed tilqa' t-talba għall-konveżjoni tal-mandat eżekuttiv għal wieħed kawtelatorju; mhux meħtieġ li titratta wkoll it-talba għas-sospensjoni tal-mandat eżekuttiv.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tipprovdi dwar ir-rikors ta' Mr Green Limited tas-27 ta' Marzu, 2023 billi;

1. Tastjeni milli tipprovdi dwar l-ewwel talba in kwantu llum qed tingħata deċiżżjoni finali dwar ir-rikors imsemmi;

2. Tilqa' t-tieni talba; tordna li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 357/2023 fl-ismijiet "Yunus Saglam vs Mr Green Limited" jiġi limitat għal miżura kawtelatorja ai termini tal-Artikolu 44 (1) (a) tar-Regolament (UE) Brussels 1 Recast nru 1215/2012; u dan sakemm tinqata' b'mod definittiv il-kawża ta' bejn l-istess partijiet li ġġib in-numru 326/2023 AD pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta;

3. Tordna għalhekk illi (i) kwalunkwe flejjes li ġew jew li għad jiġu depożitati mis-Sekwestratarji għandhom jibqgħu hekk depożitati taħt l-awtorita' tal-qorti sakemm ma tinqata' b'mod definittiv jew tiġi ċeduta l-kawża bin-numru 326/2023 AD pendenti bejn il-partijiet u (ii) Yunus Saglam mhux awtorizzat li jiġbed xi flejjes li ġew jew li ser jiġu hekk depożitati sakemm ma tinqata' b'mod definittiv jew tiġi ċeduta l-kawża imsemmija.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri riżervati għas-sentenza finali fil-kawża imsemmija.

**Moqrija**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
5 ta' Lulju, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**

**KOMUNIKA : REĠISTRATUR TAL-QORTI**